# Frott it-Talent Imqabbi...

## ....Il-Pedestall Artistiku ta' l- Inkoronazzjoni



L-idea ta' dan il-pedestall ta' l-Inkoronazzjoni oriġinat minn Baskal Gauci iżda mbagħad kienu ħafna l-partitarji tal-Każin li ħadmu biex il-Ħolma tiegħu ssir realtà, wieħed irid isemmi lil Ġanni Ghigo li kien imħarreġ sew fuq ix-xogħol ta' pedestalli mill-bravu skultur, pittur u disinjatur Abraham Gatt. Ġanni Ghigo daħal għal dan il-proġett ambizzjuż mgħejjun mill-aħwa Innocenzo u Giuseppe Psaila. Din il-biċċa armar imponenti u sabiħa nħadmet kollha fil-każin li dak iż-żmien kien f'numru 26, Pjazza tal-Knisja. Il-finanzi nġabru mill-Kumitat tas-Soċjetà ta' dak iż-żmien permezz ta' diversi benefatturi Mqabbin. Din l-opra verament artistika u sabiħa żżanżnet l-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija tal-1923.

**Noti u referenzi**

*LIA, Carmen (1960 - )*
*Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba - Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997.*